DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/417

tad-19 ta' Marzu 2020

li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(2) Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1533 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti aġġorna l-informazzjoni relattiva għal persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.

ANNESS

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, il-Parti (a) (Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)), l-entrata 16 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**16. Ignace** MURWANASHYAKA

(*alias*: Dr Ignace)

Titolu: Dr.

Dežinjazzjoni: President tal-FDLR

Indirizz: Il-Ġermanja (fil-ħabs)

Data ta' Twelid: 14 ta' Mejju 1963

Post tat-Twelid: a) Butera, ir-Rwanda b) Ngoma, Butare, ir-Rwanda

Nazzjonalità: Ir-Rwanda

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005

Informazzjoni oħra: Miet fil-ħabs fil-Ġermanja fis-16 ta' April 2019. Arrestat mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Novembru 2009 u fit-28 ta' Settembru 2015 instab ħati minn qorti Ġermaniża għat-tmexxija ta' grupp terroristiku barrani u għall-għoti ta' għajnuna f'delitti tal-gwerra. Inġħata sentenza ta' 13-il sena u minn Ġunju 2016 qiegħed f'ħabs fil-Ġermanja. Fid-29 ta' Novembru 2014 ġie rielett bħala President tal-FDLR b'mandat ta' ħames snin. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ippruvduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ignace Murwanashyaka huwa l-President tal-FDLR, fejn jeżerċita influwenza fuq il-linji ta' politika tal-forzi tal-FDLR, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), huwa involut fi traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Huwa kien f'komunikazzjoni telefonika mal-kmandanti militari tal-FDLR fuq il-post (inkluż matul il-massakru f'Busurungi f'Mejju 2009); huwa ta ordnijiet militari lill-kmand għoli; kien involut fil-koordinazzjoni tat-trasferiment ta' armi u munizzjon lill-unitajiet tal-FDLR u t-twassil ta' struzzjonijiet speċifiċi għall-użu; u amministra somom kbar ta' flus li rriżultaw mill-bejgħ illeċitu ta' riżorsi naturali f'żoni taħt il-kontroll tal-FDLR. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kellu r-responsabbiltà tal-kmand bħala l-President u l-kmandant militari tal-FDLR għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-FDLR fil-Lvant tal-Kongo. Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Novembru 2009 u fit-28 ta' Settembru 2015 instab ħati minn qorti Ġermaniża għat-tmexxija ta' grupp terroristiku barrani u għall-għoti ta' għajnuna f'delitti tal-gwerra. Huwa rċieva sentenza ta' 13-il sena u minn Ġunju 2016 kien il-ħabs fil-Ġermanja. Fid-29 ta' Novembru 2014 ġie rielett bħala President tal-FDLR b'mandat ta' ħames snin."